MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 364/2013/1

**Mario Vella u Frances Vella**

**v.**

**Malta Industrial Parks Limited (C28965) fil-kwalita` taghha ta' amministratur tal-beni tal-Gvern ta' Malta in forza ta' Kapitolu 169 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 360/04 u l-Avviz Legali 361/04**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-atturi li permezz tieghu jesponu:

“1. Illi l-kontendenti ffirmaw konvenju mal-Kummissarju tal-Artijiet fl-1 ta` Frar 2005 fejn huwa obbliga ruhu li jikkoncedi b`titolu ta` enfitewsi temporanju ghal hamsa u sittin (65) sena dekorribbli mill-gurnata tal-att finali a favur tar-rikorrenti li ppromettew u obbligaw ruhhom li jakkwistaw bl-istess titolu ta` cens temporanju l-fond minghajr l-arja tieghu li ghad irid jinbena numru tnejn u erbghin (42) fil-“Crafts Village”, Ta` Qali, Limiti ta` Attard, li ghandu ‘footprint’ ta` mija u hamsa u ghoxrin punt decimali wiehed hamsa (125.15) metri kwadri skont l-anness konvenju li qieghed jigi mmarkat bhala Dok A.

“2. Illi tali koncezzjoni kellha ssir versu c-cens annwu u temporanju ta` tlett mija u hamsa u sbeghin (LM375) pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem.

“3. Illi l-kuntratt finali kellu jsir sal-20 ta` Awwissu 2009 pero` l-konvenju baqa` jiggedded, fil-fatt iggedded sal-31 ta` Marzu 2013 kif jirrizulta mill-annessi skritturi (Dok B sa J).

“4. Illi r-rikorrenti kienu jikkwalifikaw ghal din il-proprjeta` minhabba li l-attivita` tal-istess hija l-manifattura ta` artiggjanat u specifikament il-manifattura ta` wood turning u sculpturing.

“5. Illi fil-15 ta` Marzu 2013 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali nru 769/13 li biha nterpellaw lill-intimati jersqu ghall-att finali (Dok K).

“6. Illi nonostante li l-intimati kienu debitament interpellati sabiex jersqu ghall-att finali wara l-imsemmi konvenju, huma baqghu inadempjenti.

“7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

“Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

“1. Tordna lill-intimati jersqu ghall-att finali wara konvenju mal-Kummissarju tal-Artijiet fl-1 ta` Frar 2005 fejn huwa obbliga ruhu li jikkoncedi b`titolu ta` enfitewsi temporanju ghalhamsa u sittin (65) sena dekorribbli mill-gurnata tal-att finali a favur tar-rikorrenti li ppromettew u obbligaw ruhhom li jakkwistaw bl-istess titolu ta` cens temporanju l-fond minghajr l-arja tieghu li ghad irid jinbena numru tnejn u erbghin (42) fil-"Crafts Village" Ta` Qali, Limiti ta` Attard, li ghandu ‘footprint’ ta` mija u hamsa u ghoxrin punt decimali wiehed hamsa (125.15) metri kwadri ;

“2. Tinnomina nutar pubbliku biex jircievi l-att relattiv ;

“3. Tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lill-intimati fuq l-att finali fl-eventwali kontumacja tal-istess intimati ;

“4. F`kaz li l-konvenuti ma jkunux jistghu jwettqu l-obbligazzjonijiet kollha minnhom assunti fl-imsemmi konvenju tal-1 ta` Frar 2005, tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew danni li ghalihom huma responsabbli l-intimati ;

“5. U tillikwida dawn id-danni hekk sofferti mir-rikorrenti occorrendo bl-opera ta` periti nominandi ;

“6. Tikkundanna lill-intimati jhallsu d-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali nru 769/13 u l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta fejn tesponi:

“Dikjarazzjoni tal-Fatti

“1. Illi l-atturi kienu resqu ghal att ta` konvenju mal-Kummissarju tal-Artijiet li permezz tieghu s-sid ossia l-Kummissarju tal-Artijiet kien obbliga ruhu li jikkoncedi porzjon art gewwa Ta` Qali Crafts Village, limiti ta` H`Attard, lill-atturi b`titolu ta` enfitewsi temporanja, u dan versu l-annwu canone u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm pattwiti. Kopja tal-att ta` konvenju de quo giet esebita mar-rikors guramentat u tali konvenju gie mgedded diversi drabi ;

“2. Illi fost il-kundizzjonijiet tal-konvenju kien hemm klawsola li tirreferi kwalsiasi kontroversja li tista` tirrizulta ghal arbitragg ;

“3. Illi permezz ta` ordni maghmul skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169), is-socjeta` esponenti assumiet l-obbligi dwar amministrazzjoni ta` Ta` Qali Crafts Village minflok il-Kummissarju tal-Artijiet ;

“4. Illi l-konvenju de quo jirreferi ghal proprjeta` li ghad trid tinbena u li ghadha ma nbnietx u dan peress li fil-mori tal-konvenju nbidlet il-policy tal-Gvern dwar Ta` Qali Crafts Village ;

“5. Illi madankollu, l-atturi nghataw possibilitajiet ohra sabiex jizviluppaw in-negozji taghhom gewwa Ta` Qali Crafts Village ;

“6. Illi sa fejn taf l-esponenti l-atturi ma sofrew l-ebda danni b`rizultat tal-fatt li l-koncessjoni enfitewtika ma saritx.

“<u>Eccezzjonijiet</u>

“Tant dikjarat, is-socjeta` esponenti eccepixxi dan li gej :-

“1. Preliminarjament, in-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti stante li l-konvenju mertu tal-kawza jipprovdi li kwalunkwe talba, kontroversja jew tilwim ghandhom jigi decizi b`arbitragg skont ir-regoli tac-Centru Malti tal-Arbitragg ;

“2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici kif postulata, u senjatament l-ewwel tliet talbiet attrici, ma tistax tirnexxi stante li l-fattispecje tal-obligazzjoni tirrigwarda fond li “ghad irid jinbena” ;

“3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi wara li sar il-konvenju de quo, kien hemm bdil fil-pjani tal-Gvern fir-rigward ta` Ta` Qali Crafts Village u kwindi s-socjeta` esponenti ma tistax tmexxi bil-konvenju de quo mal-atturi biss ;

“4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-atturi ma sofrew ebda danni u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

“5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici mhux mistoqqa la fid-dritt u lanqas fil-fatt.”

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal Qorti Civili moghtija fit-30 ta’ Settembru 2014 illi permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez kontra taghha u ordnat it-tkomplija tal-kawza;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

**“V. <u>Risultanzi</u>**

"Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1998 fil-kawza "**Beacom et vs Spiteri Staines**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

""Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda."

"Fin-noti tieghu dwar id-Dritt Civili (1978 – Pg 287), il-**Prof V. Caruana Galizia** jghid –

*""Contracts entered into according to law have the force of law with respect to the parties. They bind the parties reciprocally in the same way as the law binds all citizens. This principle is based on the theory of the autonomy of the will, which on its own creates rights and obligations … (omissis).*

*"Contract is therefore law for the parties, and just as a law may derogate another law, so may a contract, which may be considered as private law, derogate ordinary law : `dispositio hominis tollit dispositionem legis`. The contracting parties may by their agreement, i.e. by the contractual rule established by them, derogate the legal rule, both by substituting another rule or by not substituting anything ; and they may do so as long as the prohitibition of the law, or public policy or morality is not an obstacle."*

"In omagg ghal dawn il-principji, il-Qrati taghna accettaw il-validita` ta` klawsoli arbitrali meta kienu certi li l-ghazla tal-mod kif kellha tkun determinata kwistjoni bejn il-partijiet kienet tabilhaqq tirrifletti r-rieda taghhom skond il-ftehim ta` bejniethom (Appell Civili – **"Foster vs Gatt"** – 27 ta` Gunju 1924 – Vol.XXX.I.1071 ; u qabel din, is-sentenza riportata fil-**Kollezz. Vol. XXIV.I.1067** ; ara wkoll - Appell Kummercjali : "**Vella vs Mamo noe**" : 13 ta` Ottubru 1994 ; u PA/FS : "**Grech vs Cutajar et**" : 1 ta` Dicembru 2008). Dan premess tibqa` valida l-linja ta` principju, anke din traccjata mill-Qrati taghna, li "*qualunque clausola di derogazione della giurisdizione dei tribunali locali e` di stretta interpretazione, per cui in caso di dubbio se fosse intesa o meno tra le parti si deve decidere per la negativa.*" (ara – Appell Civili – "**Pisani vs Consiglio noe"** – 15 ta` Gunju 1931 ; u Appell Civili **– "Bellizzi noe vs Debono noe"** – 25 ta` Gunju 1937).

"Fil-kaz tal-lum, il-**validita**` tal-klawsola arbitrali mhijiex kontestata.

**“Il-vera kwistjonijiet huma tlieta :**

**“*__Fl-ewwel lok__* - setghux l-atturi jirrikorru ghall-qrati ordinarji meta l-patt mal-konvenuta kien jikkontempla li kontroversji bejn il-partijiet jigu decizi b`arbitragg ;**

**“__fit-tieni lok__ - kenitx proceduralment korretta l-konvenuta meta rinfaccjata bil-kawza tal-atturi minflok arbitragg wiegbet billi eccepiet in-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-qorti minflok irrikorriet biex jieqaf il-proceduriment quddiem il-qorti sabiex isir arbitragg ; u**

**“__fit-tielet lok__ - bil-fatt li l-konvenuta ma nsistietx fuq l-arbitragg, ghandux ifisser li l-konvenuta accettat il-gurisdizzjoni tal-qorti u b`hekk tacitament rrinunzjat ghall-klawsola arbitrali.**

**“__Dwar l-ewwel kwistjoni__**, kif diga` rajna, il-principju tal-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji huwa accettat u rispettat inkwantu dan huwa espressjoni tal-volonta` tal-kontraenti li ghal kull fini u effett tal-ligi jammonta ghal-ligi bejn l-istess partijiet. B`dana kollu hemm cirkostanzi meta, bl-agir ta` parti, id-dritt tal-parti l-ohra li tottjeni sodisfazzjon ghall-pretensjonijiet taghha permezz tal-intervent tal-arbitri skond ma jkun provdut fil-kuntratt jigi stultifikat. F`cirkostanzi bhal dawn, il-Qrati sostnew li l-parti interessata ghandha dritt li tirrikorri lill-Qorti. Riferibbilment ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum, mhijiex kondivisa minn din il-Qorti l-fehma tal-atturi illi huma kellhom ghazla li ma jmorrux arbitragg ghaliex bejn il-partijiet ma kienx hemm *talba, kontroversja jew tilwim li johorgu minn jew li ghandhom x`jaqsmu* mal-konvenju de quo. L-atturi qeghdin jinterpretaw dik il-klawsola bhala applikabbli biss meta l-validita` tal-konvenju tkun kontestata. Il-Qorti ma taqbilx. Il-klawsola hija wiesgha bizzejjed biex tkopri *kwalunkwe talba, kontroversja jew tilwim.* Skond ix-xiehda tal-attur, il-Qorti ssib li certament hemm almenu *kontroversja* bejn il-partijiet fis-sens illi minn naha wahda l-atturi riedu li l-konvenuta tersaq ghall-att finali u mhux tibqa` titlob it-tigdid tal-konvenju, mentri l-konvenuta riedet tinsisti fuq tigdid tal-konvenju, u mhux il-konkluzjoni tal-kuntratt ghaliex il-*policy* tal-Gvern kienet inbidlet. Min-naha wahda l-atturi jikkontendu li bidla fil-*policy* ma twarrabx l-infurzar tal-konvenju, min-naha ohra, l-konvenuta tghid li din il-bidla ghandha effett. Mela bejn il-partijiet hemm *kontroversja*, u ghalhekk il-kwistjoni mhijiex biss wahda ta` enforzar ta` konvenju validu. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, ladarba *pacta sunt servanda,* l-atturi kellhom *in primis* imorru ghall-arbitragg mhux ghal kawza quddiem il-qrati ordinarji.

"Dan premess, il-konsiderazzjonijiet li ghadha kif ghamlet il-Qorti dwar il-perkors maghzul mill-atturi mhux necessarjament ifisser li l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni ghandha tintlaqa`. Hemm konsiderazzjonijiet ohra li l-Qorti trid tqis qabel tiddikjara li m`ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma` u tiddeciedi l-kawza. U dawn il-fatturi – *over and above* dak li ftehmu l-partijiet - tahseb ghalihom il-ligi stess bl-Art 742(3) tal-Kap 12 u l-Art 15(3) tal-Kap 387 li jridu jinqraw flimkien.

"F`dan il-kuntest tinsorgi **t-tieni kwistjoni** : rinfaccjata kif inhi b`kawza biex jigi enforzat il-konvenju, minkejja l-klawsola arbitrali, kenitx obbligata l-konvenuta titlob *a tempo vergine* li tieqaf il-kawza biex tigi nfurzata l-klawsola arbitrali, sabiex b`hekk twarrab kull kwistjoni ta` sottomissjoni (*submission*) ghall-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji.

"L-**Art 742 tal-Kap 12** jirregola l-gurisdizzjoni tal-qrati taghna. Meta d-disposizzjoni kienet emendata bl-Art 283 tal-Att XXIV tal-1995 kien introdott *inter alia* s-subinciz (3) li jaqra hekk –

> ""(3) Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta` arbitragg ikunu nbdew jew le, f`liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta` kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u ghas-setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva."

"Kif diga` kien osservat, anke qabel l-emendi tal-1995, il-qrati taghna hadu linja fis-sens illi ghalkemm jirrispettaw il-klawsoli arbitrali, huma kellhom gurisdizzjoni konkorrenti bid-dritt li jissindakaw l-ezekuzzjoni tal-klawsoli arbitrali (Qorti tal-Appell : "**Xuereb vs Accountant General**" : 28 ta` Frar 1997 ; u PA/GCD : "**Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited**") Dan ifisser illi bl-emendi tal-1995, dak li kien fil-prattika kien isir mill-qrati taghna sar ligi.

"Dwar it-tifsira ta` l-Art 742(3) tal-Kap 12, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta` Mejju 1998 fil-kawza "**Camilleri vs Zammit noe**" qalet hekk –

> *""... il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-qorti ta` kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta` tali ftehim ta` arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta` atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi. Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kenitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta`*

*<u>klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-qrati civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma</u> u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika"* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) [ara wkoll – **"<u>Malta Shipyards Ltd. vs VPJ Ltd</u>"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Novembru 2012].

"Rilevanti ghat-tieni kwistjoni huwa l-**<u>Art 15(3) tal-Kap 387</u>** li jaqra hekk:-

*""Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta` arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f`qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta` arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta` dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f`dawk il-proċedimenti legali tista` f`kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta` arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista` jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta` riżoluzzjoni ta` kwistjonijiet."*

"Ghal din il-Qorti, huwa car mhux biss dak li qeghda tghid id-disposizzjoni izda fejn trid twassal. U d-disposizzjoni tghodd ghall-kawza tal-lum. Infatti l-klawsola arbitrali taghmel parti minn konvenju li huwa ftehim bejn il-partijiet u allura tikkwalifika bhala *ftehim ta` arbitragg*. L-atturi huma *parti* ghal dak il-ftehim. Mhux kontestat (anzi huwa fatt accettat mill-konvenuta u tinsisti dwaru) li l-infurzar tal-konvenju jista` jintalab b`arbitragg u allura hawn si tratta ta` *kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg.* L-atturi ghamlu l-kawza kontra l-konvenuta biex jenforzaw il-konvenju u allura bdew *procediment legali f`qorti.* Issa l-bran mid-disposizzjoni li jolqot il-pern ta` l-istanza tal-lum huwa *kull parti f`dawk il-procedimenti legali tista` f`kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti biex twaqqaf il-procedimenti.* Il-konvenuta ma ghamlet l-ebda talba biex twaqqaf il-kawza kif ighid is-subinciz (3). Min-naha taghhom, l-atturi ma ghandhom l-ebda interess iwaqqfu l-kawza.

"Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li ladarba anke l-klawsola arbitrali *ut sic* tirreferi ghar-*regoli ta` Centru dwar l-Arbitragg ta` Malta* huwa evidenti li d-disposizzjonijiet tal-Kap 387 bhala l-*lex specialis* ighoddu ghall-kwistjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. Hija wkoll l-fehma meqjusa taghha illi ladarba hawn si tratta ta` *lex specialis* kien jinkombi fuq il-konvenuta li jekk riedet tittenta twaqqaf il-kawza tal-lum kellha ssegwi dak li jghid l-Art 15(3) u mhux teccepixxi n-nuqqas tal-gurisduzzjoni tal-qorti skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 li hija l-*lex generalis.* Dan jidher li kienet ukoll il-*forma mentis* tal-legislatur meta kien

tassattiv li jirrendi applikabbli dak li jghid l-Art 15(3) *minkejja kull disposizzjoni li hemm* fil-Kap 12.

"Il-linja traccjata minn din il-Qorti twassal ghat-**tielet kwistjoni**.

"In linea ta` principju, il-kunsens hlief fejn il-ligi tirrikjedi l-espressjoni formali tieghu, jista` jkun tacitu, pero`, il-komportament li jwassal ghall-prova tal-kunsens irid ikun tali li juri l-volonta` preciza ta` dak li jkun li jaccetta bidla fil-posizzjoni guridika tieghu. Hekk, ir-rinunzja tista` tkun tacita, izda din trid tirrizulta mhux biss minn komportament fis-sens indikat izda l-istess komportament irid jimmanifesta l-intenzjoni li t-titolar tad-dritt irid jirrinunzja ghall-istess. Ir-rinunzji, qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza "**Anthony Scerri et v. Anthony Cutajar et**" deciza fis-16 ta` Marzu 2005 huma *di stretto diritto* u ghandhom jirrizultaw minn fatti nkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta` preciza tar-rinunzjant." Hekk ukoll inghad - b`riferenza ghal gurisprudenza anterjuri - minn din il-Qorti (**PA/PS**) fis-sentenza taghha tal-24 ta` Novembru 2004 fil-kawza "**Maria Baldacchino et vs Edwin Pace**" :- *"Hi del resto enuncjazzjoni ben assodanti illi "rinunzja tacita ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi desunta ma tkunx tista` tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta` atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjat l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu" (Kollez. Vol. XXXIV P II p646 ; **Carmelo Galea v. Dottor Albert Camilleri nomine**, Appell Civili 18 ta` Marzu 1977)."*

"Dan premess, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti, fondata fuq il-fatti ppruvati fil-kaz tal-lum, illi l-konsegwenza tal-ghazla li ghamlet il-konvenuta li ma titlobx it-twaqqif tal-procediment tal-lum kif previst mill-Art 15(3) tittraduci ruhha f`accettazzjoni tal-gurisdizzjoni ta` din il-qorti. U bis-sottomissjoni (*submission*) taghha ghall-gurisdizzjoni tal-qorti, il-konvenuta rrinunzjat, b`mod car u inekwivoku, ghalkemm tacitament, li tenforza l-klawsola arbitrali. Rinfaccjata bil-kawza, u b`disposizzjoni daqstant cara bhal ma hija l-Art 15(3) tal-Kap 387, l-uniku mod li kellha l-konvenuta biex tinsisti fuq it-tharis tal-klawsola arbitrali u tittenta tbieghed kull kwistjoni ta` gurisdizzjoni tal-qorti kienet li tmur ghal tharies skrupoluz tad- disposizzjoni.

**"Decide**

**"Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta, billi tichad l-istess eccezzjoni, bl-ispejjez kontra l-kumpannija konvenuta. Konsegwentement**

> **qeghda tordna l-prosegwiment tal-kawza bil-provi tal-atturi fil-mertu ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 10 ta` Novembru 2014, f`12:00pm."**

Rat id-digriet tal-10 ta' Novembru 2014 moghti mill-istess Qorti fejn gie moghti l-permess lis-socjeta` konvenuta biex tappella minn dik is-sentenza in segwitu ghar-rikors prezentat minnha ghal dan l-iskop;

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li permezz tieghu talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza msemmija billi tilqa' l-aggravji taghha u kwindi l-ewwel eccezzjoni taghha;

Rat ir-risposta tal-atturi li permezz taghha wara li eccepew li l-appell sar *fuori termine*, talbu li s-sentenza msemmija tigi konfermata;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

**L-Eccezzjoni li l-Appell gie intavolat 'Fuori Termine'**

Kif inghad, l-appellati qed jeccepixxu li l-appell gie intavolat tardivament ghaliex ghalkemm l-appellanti talbet il-permess biex tappella u dan gie moghti fl-10 ta’ Novembru 2014, (l-appell gie intavolat fl-1 ta’ Dicembru 2014, li inzerta nhar ta’ Tnejn u allura entro l-ghoxrin gurnata msemmija fil-Kodici fir-rigward), **peress li din is-sentenza kienet tirrigwardja l-kompetenza tal-Qorti**, il-parti telliefa ma kellux bzonn jitlob il-permess biex jappella u allura jsegwi illi l-ghoxrin gurnata bdew jiddekorru mid-data tal-istess sentenza – kwindi abbundantament aktar minn ghoxrin gurnata qabel sar l-appell.

Huwa evidenti li jekk din il-Qorti tilqa’ din il-pregudizzjali, hija tieqaf mid-deliberazzjonijiet taghha. L-appellati qed isejjsu l-posizzjoni taghhom fir-rigward fuq l-Artikolu 234 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Huwa importanti pero` li jigi citat ukoll l-Artikolu 231.

**“L-artikolu 231**infatti jipprovdi hekk:

> *““(1) Jekk diversi kwistjonijiet f’kawza jinqatghu b’sentenzi separati, jista’ jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f’dak l-appell ghandhom jissemmew espressament issentenza jew sentenzi li minnhom isir appell: Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista’ jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b’rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jinghata dak il-permess biex isir appell minn dawk issentenzi separati, iz-zmien biex jigi prezentat l-appell relattiv ghandu jibda ghaddej mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh.”*

**“L-artikolu 234** jiddisponi hekk:

> *""Bla hsara tad-disposizzjonijiet specjali ohra ta' dan il Kodici dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza minhabba x-xorta tal-haga fil-kawza, minn kull sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni mill kawza, jista' jsir appell; u l-qorti tista' twaqqaf is-smigh tal kawza sakemm jinqata' dak il-punt fil-qorti fi grad ta' appell, meta ebda wahda mill-partijiet ma tipprova lill-qorti, li t-twaqqif tas-smigh tal-kawza jista' jkun ta' hsara ghaliha."*

Kif sewwa semmew l-appellati fir-risposta taghhom din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Koca Mehmet nomine v. Dr Simon Micallef Stafrace nomine** (3 ta' Frar 2010) qalet hekk:

> *"Ghalhekk hawn isib distinzjoni netta bejn appelli minn sentenzi preliminari ta' kull generu li jehtiegu lawtorizzazzjoni tal-qorti biex dak l-appell jigi ntavolat qabel is-sentenza finali, u dawk l-appelli minn sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-qorti li ma jehtiegux din l-awtorizzazzjoni. Naturalment sentenza dwar kompetenza fejn il-qorti tiddikjara li ma ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza, qatt ma tista` tirrikjedi l-permess tal-qorti li tkun ppronunzjata biex isir appell u dan billi tali sentenza, fiha nnifisha, ma tkunx wahda preliminari izda pjutttost finali billi b'dak ilpronunzjament il-gudizzju jigi terminat. F'dan il-kaz il legislatur ma kellux bzonn li jipprovdi billi jkunu japplikaw l-provvediment generali koncernanti appelli minn sentenzi finali. Biss fil-kaz ta' sentenza fejn il-Qorti tkun cahdet l eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha, u b'hekk iddikjarat ruhha kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kaz, bhal fil-kaz in ezami, dik is-sentenza tkun wahda preliminari billi l-process gudizzjarju jibqa' mixi. F'dan il-kaz, ghalhekk, il-legislatur, kieku ried, halla l-kwistjoni ta' l appellabilita` minn dik is-sentenza qabel is-sentenza finali li tigi regolata bl-artikolu 231 bhal kazijiet l-ohra. Izda jidher li dan ma kienx dak li ried il-legislatur billi mhux talli f'dawn il-kazi, kkonferixxa dritt ta' appell lill-parti interessata minghajr ir rekwisiti tal-artiklu 231 talli iddispona oltre meta ikkonferixxa fuq il-Qorti tal-Ewwel Grad id diksrazzjoni tal-ghazla li twaqqaf is smigh tal kawza sakemm jinqata dak il-punt fil-Qorti fi grad ta' Appell.*

Dan il-bran gie ripetut kelma b'kelma fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-istess gurnata fil-kawza fl-ismijiet **Gaming VC Corporation Limited v. Boss Media Malta Casino Ltd et** fejn allura din il-Qorti ddecidiet li sentenza pronunzjata fuq il-kompetenza tal-Qorti ma ghandhiex bzonn il-permess

imsemmi fl-Artikolu 231 fuq imsemmi biex tigi appellata. Kwindi tajjeb jghidu l-appellati li f'kaz bhal dan, il-perjodu ghal intavolar tal-appell beda ghaddej mid-data li giet pronunzjata s sentenza inkwistjoni u allura l-appell odjern gie prezentat **fuori termine**.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza deciza fis-6 ta' Frar 2008 fl-ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited et**:

> *"Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares* ***ad unguem****, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("****Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);*** *Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta missentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tattermini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita' hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita"." ("****Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007).***

Kwindi l-eccezzjoni kontenuta fir-risposta ghall-appell jisthoqqilha tigi milqugha u allura ma hemmx lok li din il-Qorti tiddelibera ulterjorment.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tiddikjarah irritu u null ghaliex prezentat 'fuori termine' u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Tordna li l-kawza titkompla quddiem l-ewwel Qorti.

L-ispejjez ta' dan l-incident huma a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------